MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1064/2008

Mario **PICKARD**

vs

Grace **ANDERSON**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) tordna lill-imħarrka biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalha, tressaq 'il quddiem il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu permezz ta' kawża; u (b) li f'każ li l-imħarrka tonqos li tiftaħ il-kawża bil-pretensjonijiet tagħha fiż-żmien hekk lilha mogħti, timponi fuq l-istess imħarrka s-skiet għal dejjem milli qatt aktar terġa' tressaq pretensjoni bħal dik kontrih.  Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fil-5 ta' Marzu, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li dik l-azzjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex l-attur jaf li l-pretensjoni tagħha m'hijiex fiergħa u li hija għandha jedd għall-ħlas tal-kumpens minħabba l-inċident li l-attur stqarr li kien jaħti għalih. Żiedet tgħid li ma setgħetx tressaq il-pretensjoni likwidata tagħha għaliex għadha qiegħda tagħmel l-aċċertamenti mediċi dwar kemm ġarrbet debilita' fl-imsemmi inċident;

Rat is-Sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju, 2010[1], li biha laqgħet l-ewwel talba attriċi u iddikjarat li l-imħarrka kienet immillantat lill-attur u ordnat li hija tressaq 'il quddiem il-pretensjonijiet millantanti tagħha b'azzjoni ġudizzjarja xierqa fi żmien erbgħin (40) jum minn dak inhar;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011[2], li biha ikkonfermat is-sentenza fuq imsemmija u ċaħdet l-appell magħmul minnha mill-imħarrka, u ordnat li l-imsemmija erbgħin jum imposti fuq l-appellanti kellhom jibdew jgħaddu minn dak inhar;

Semgħet ix-xhud rappreżentant tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali waqt is-smigħ tal-lum tikkonferma li l-imħarrka baqgħet ma ressqitx il-pretensjonijiet tagħha kif ordnata;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' jattanza. L-attur jgħid li l-imħarrka immillantatu dwar pretensjoni ta' ħtija ghal danni kawżati f'inċident tat-triq. L-attur irid jeħles mill-imsemmija pretensjoni;

Illi l-azzjoni ta' jattanza timplika żewġ stadji: fl-ewwel wieħed, il-Qorti trid tqis jekk tkunx seħħet millantazzjoni

[1] Paġġ. 69-74 tal-proċess
[2] Paġġ. 172-8 tal-proċess

tassew fil-konfront tal-parti attriċi, u f'każ affermattiv, li timponi lill-millantant żmien biex fih iressaq 'il quddiem azzjoni ġudizzjarja dwar dik il-pretensjoni; fit-tieni, l-Qorti tqis jekk, fiż-żmien lilu mogħti fl-ewwel stadju, il-millantant ġabx 'il quddiem l-azzjoni hemm ordnata;

Illi f'din il-kawża, il-Qorti diġa' laqgħet l-ewwel talba attriċi bis-sentenza fuq imsemmija;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrka millantanti ma ressqet l-ebda proċedura ġudizzjarja dwar il-millantazzjoni magħmula minnha fl-atti ġudizzjarji millantanti[3] fiż-żmien mogħti lilha;

Illi għalhekk jeżistu ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi biex il-Qorti timponi fuq l-imħarrka s-skiet għal dejjem dwar il-pretensjoni minnha vantata fil-konfront tal-attur fl-imsemmija ittri uffiċjali u dan dwar dak l-imsemmi inċident tat-triq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u qegħda timponi fuq l-imħarrka s-skiet għal dejjem dwar il-pretensjonijiet magħmula minnha fil-konfront tal-attur fl-ittri uffiċjali msemmijin mill-attur fl-att promotur; u

**Tikkundanna** lill-istess imħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tas-sentenza tas-7 ta' Mejju, 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Dokti " B " sa " I ", f'Paġġ 8-15 tal- proċess